C/2025/2802

19.5.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-13 ta' Mejju 2025

## li taħtar membri u membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

(C/2025/2802)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 jipprevedi li l-Kunsill jaħtar 18-il membru, kif ukoll membri supplenti, għall-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għal perijodu ta' tliet snin. Għal kull mandat, il-membri u l-membri supplenti maħtura mill-Kunsill jridu jirrappreżentaw tmintax-il Stat Membru fl-ordni tal-Presidenzi b'rotazzjoni, membru wieħed, kif ukoll membru supplenti wieħed, propost minn kull Stat Membru kkonċernat.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 jipprevedi wkoll li il-membri tal-Bord ta' Tmexxija, kif ukoll il-membri supplenti, jinħatru b'tali mod li jiġu żgurati l-oġħla standards ta' kompetenza u firxa wiesgħa ta' kompetenzi rilevanti u transdixxiplinari fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u li l-Kunsill għandu l-għan li tinkiseb rappreżentanza bbilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fuq il-Bord tat-Tmexxija.

(3) Il-Kroazja, il-Ġermanja, il-Portugall, is-Slovenja, Franza, iċ-Ċekja, l-Iżvezja, Spanja, il-Belġju l-Ungerija, il-Polonja, id-Danimarka, Ċipru, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Greċja, l-Italja, u l-Latvja ppreżentaw nomini lill-Kunsill għall-membri u l-membri supplenti li jridu jinħatru fil-Bord ta' Tmexxija għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Mejju 2028,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura għall-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi bħala membri u membri supplenti għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Mejju 2028 biex jirrappreżentaw l-Istati Membri kkonċernati:

| Stat Membru | Membru | Membru Supplenti |
|---|---|---|
| Kroazja | Is-Sa Dijana ĆURKOVIĆ | Is-Sa Irena SARTA |
| Ġermanja | Is-Sa Petra FOLLMER-OTTO | Is-Sa Birgit SCHWEIKERT |
| Portugall | Is-Sa Sandra RIBEIRO | Is-Sur Manuel ALBANO |
| Slovenja | Is-Sa Helena VALAS | Is-Sa Pia AŽMAN KLUKOVIČ |
| Franza | Is-Sa Stéfania CHIRU | Is-Sa Catherine PETIT |
| Ċekja | Is-Sur Radan ŠAFAŘÍK | Is-Sa Monika ŠAMOVÁ |
| Żvezja | Is-Sa Lenita FREIDENVALL | Is-Sa Cecilia ASKLÖF |

([1]) ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1922/oj.

| Stat Membru | Membru | Membru Supplenti |
|---|---|---|
| Spanja | Is-Sa Cristina HERNÁNDEZ MARTÍN | Is-Sa María VÁZQUEZ SELLÁN |
| Belġju | Is-Sa Liesbet STEVENS | Is-Sa Carine JOLY |
| Ungerija | Is-Sur Gábor JAROSS | Is-Sa Lilla MIKLÓS |
| Polonja | Is-Sa Katarzyna SZKUTA | Is-Sa Magdalena DROPEK |
| Danimarka | Is-Sa Kira UITTERDIJK APPEL | Is-Sur Jeppe HOLM NIELSEN |
| Ċipru | Is-Sur Stavros CHRISTOFI | Is-Sur Alexandros ALEXANDROU |
| Irlanda | Is-Sa Jane Ann DUFFY | Is-Sa Lisa HUGHES |
| Litwanja | Is-Sa Jolanta SAKALAUSKIENĖ | Is-Sa Greta TUMĖNIENĖ |
| Greċja | Is-Sa Eleni NTALAKA | Is-Sa Sophia NIKOLAOU |
| Italja | Is-Sa Laura MENICUCCI | Is-Sur Stefano PIZZICANNELLA |
| Latvja | Is-Sa Agnese GAILE | |

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. DOMAŃSKI